**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 381/2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Mark Saviour Borg**

**13 ta' Frar,2024**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, **Mark Saviour Borg** detenur tal-karta tal-identita Maltija **2020980P**, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Nhar il-31 ta' Marzu 2023 u fil-ġranet, fix-xhur u fis-snin ta' qabel, f'diversi ħinijiet ġewwa San Ġiljan u/jew f'dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi u li kienu magħmulin b'riżoluzzjoni waħda;

1. Uża vjolenza, inkluż vjolenza morali u, jew psikoloġika, u, jew sfurzar, sabiex iġiegħel jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa, jew sabiex inaqqas l-abbilitajiet jew izola jew illimita l-aċċess għall-flus, edukazzjoni jew impjieg għad-detriment ta' missieru u

ċioe' **Salvatore Borg** li għandu l-eta' ta' 87 sena u li kien qed jgħix fl-istess dar bħall ħati u liema reat twettaq ripetutament;

2. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, bl-imġiba tiegħu, ikkaġuna lil missieru u ċioe' **Salvatore Borg** li għandhu l-eta' ta' 87 sena u li kien qed jgħix fl-istess dar bħall-ħati, biza' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil missieru **Salvatore Borg** biza' u liema reat twettaq ripetutament;

3. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna lil missieru u ċioe' **Salvatore Borg** li għandu l-eta' ta' 87 sena u li kien qed jgħix fl-istess dar bħall-ħati, fastidju għal iktar minn darba, u ġab ruħu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li kien qed ikun ta' fastidju għal missieru Salvatore Borg;

4. U aktar talli fl-istess dati, ħin, lok u ċirkostanza, għamel inġurija jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lil missieru u ċioe' Salvatore Borg jew, jekk kien ipprovokat, inġurija b'mod li ħareġ barra mal-limiti tal-provokazzjoni,

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, rrenda ruħu reċidiv b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jiġu mibdula ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Mark Saviour Borg a' benefiċċju Salvatore Borg u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba wkoll f'kaz ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta' ta' **Salvatore Borg** kif jew sabiex tinzamm il-Bon Ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, rabtet lil **Mark Saviour Borg** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq u, jew rabtet lil **Mark Saviour Borg** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. Tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, ordnat lill-imsemmi **Mark Saviour Borg** sabiex iħallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun fil-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-24 ta' Ottubru ,2023 fejn sabet l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu w ikkundannatu għal piena ta' **priġunerija ta' tlett (3) snin** li minnhom irid jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel taħt arrest preventiv.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Mark Saviour Borg, ppreżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-7 ta' Novembru , 2023, fejn talab lill din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u tvarja l-piena imposta għal piena aktar ekwa u ġusta.

Rat l-aggravji tal-appellant Kevin Ciantar li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe' :

**<u>L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti</u>**;

1. <u>Dwar il-piena</u>

L-esponenti jifhem li min isofri minn problema ta' droga għandu jipprova jikkura ruħu u jfittex l-għajnuna biex isolvi tali problema. Il-vizzju ta' dak li jkun ma jintitolahx jagħmel ħsara lil ħaddiehor madanakollhu l-esponenti jistqarr illi kien propju għax jifhem illi wieħed irid jaħdem fuq il-problemi tiegħu bis-serjeta' illi rreġistra ammissjoni minnufih u għamel uzu miż-żmien kollu illi kien karċerat taħt arrest preventiv sabiex ibiddel ħajtu. Wieħed jifhem ukoll illi għalkemm l-appellant aġixxa ħazin meta ffastidja lil-missieru, madanakollu dan ċertament ma sarx b'sens ta' disrispett izda għax ħass il-piz tal-vizzju tiegħu tant tqil li ma setgħax jissaportih aktar u sussegwentament ġegħlu jagħmel dak li ma jridx.

Fil-fatt l-esponenti jista' faċilment jirrelata ma' dak li stqarr Eric Patterson,

> **" Lastly, addicted people frequently value obtaining their drugs above all else. Because obtaining drugs is the highest priority to an addict, financial troubles are inevitable, and many people eventually resort to stealing and other criminal activity to obtain resources to purchase drugs"**

L-esponenti jemmen li in kwantu tal-piena, L-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tieħu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li kien akkużat bihom l-esponenti kif ukoll tal-fatt li l-appellanti huwa maħkum mill-vizzju tad-droga.

Fid-dawl tas-su espost, l-esponenti jagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet <u>'Il-Pulizija vs Alexander Cardona'</u> fejn il-Qorti sostniet;

> **"Il-vizzju tad-droga jsolvih billi jagħmel programm ta' rijabilitazzjoni u jimpenja ruħu bis-serjeta li jibqa jsegwih u wara li jlestih b'suċċess jibqa' sod sabiex jinfatam darba għal dejjem minn dan il-vizzju u hux billi jmur jisraq lill-haddieħor biex ikollu l-flus biex jissodisfa l-"habit" tiegħu li jkun ħakmu."**

Di piu' l-esponenti jagħmel referenza għad-'dissertation' ta' Sharlet Fabri ntitolata *"For better or for worse: Is drug Rehabilitation the case at the Corradino Correction*

*Facility?"*fejn Fabri itervistat numru ta' persuni li servew sentenza ta' priġunerija effettiva ġewwa l-faċilita' Korrettiva ta' Kordin u li ma tul tali perjodu għamlu uzu minn drogi. Fabri tikteb:

> **"The student respondents were provided with two statements claiming that it is hard both to bring and to access drugs in prison. While five were not sure whether it is hard to bring drugs at the Corradino Correctional Facility, eight strongly/ disagreed with the statement, hence implying that such a manoeuvre is not quite difficult to carry out. Correspondingly, four were not sure how hard it is to accessed. This means that the majority perceive drugs in prison to be mainstreamed.**
>
> **Such perceptionswere proved right by the answers gathered from the deviant respondents, out of whom ten said that it is easy. However, they claimed that it is easier to access drugs rather than to bring them in. They also asserted finances play an important role since only money will incentisive people to risk in bringing them inside, while it is also very expensive to buy from other fellow prisoners. Some quotes the interviewer came across where:**

- **"Faċli idaħħal u faċli ssib tieħu. Ħafna ukoll."**
- **"M'hemmx għalfejn idahhal int, idahlulek. Id-droga qatt m'hi se tispiċċa ġol-ħabs, zgur. Jagħmlu x'jagħmlu għalxejn. Ghax intti trid tqis li hemm 600 u xi ħaġa, tista' tlahhaq ma' 600 mohh ? Meta dawn kulhadd għamel il-ħazin ? Hemm min mohhu jtih hemm ġew."**
- **"Il-ħin kollhu hdejk ha tkun "**

Tenut kont tas-suespostt, l-appellant bir-raġun jistaqsi:

1. Piena ta' priġunerija effettiva hija waħda adekwata u ġusta meta l-veru skop tas-sistema ġudizzjarja tagħna huwa wieħed riformattiv?

2. Il-faċċilita' korretiva ta' Kordin ser tgħinu biex jindirizza il-vizzju tad-droga jew inkella tali faċilita' mhux ser isservi bħala " ambjent kontrollat" fejn huwa ikun jista' jindirizza l-vizzju li kissirlu ħajtu.

L-appellant, filwaqt li jagħmel referenza għal dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, **"Il-Pulizija vs Rittmar Hatherly et.":**

> **"Anke fil-każ ta' persuna ta' eta' mhux zgħira u li forsi hu reċidiv, tista' titfaċċa fil-ħajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz tagħha jkun jista' jinkiser iċ-ċiklu ta' kundanni u ta' priġunerija."**

L-esponenti jistaqsi jekk din l-Onorabbli Qorti f'każijiet fejn l-akkużat ma jkunx ta' eta' zgħira u jkun reċidiv, tasal biex toffri lill-akkużat opportunita' li jbiddel ħajtu mingħajr ma tgħabbih b'pieni esaġerati li kapaċi jwasslu għal reati oħrajn, għalfejn fil-kaz tiegħu le?

Ta' revelenza huwa dak il-Qorti tagħna sejħula *a window of opportunity* fejn il-piena tkun mibdula għal waħda aktar miti f'ċirkostanzi li juru li l-imputat jew l-appellant għamel progress fil-ħajja tiegħu u ddemostra sinjali ċari ta' allomtanament mill-ħajja refrattarja tiegħu. Meta jkun hemm disponibilita' u rieda tajba l-Qorti dejjem iżżomm miftuhin it-twieqi għall-bidla u għall-progress li dik il-persuna tkun tixtieq timmanifesta.

Dan kollu qiegħed jingħad in vista ta' dak dikjarat mill-Ewwel Onorabbli Qorti stess fis-sentenza appellata:

> *"Il-Qorti kellha l-opportunita sabiħa, għax le, li tara it-trasformazzjoni li għamel l-imputat tul l-inkarċerazzjoni preventiva minn tiegħu. Fl-ewwel dehra tiegħu kien bniedem arroganti, irraxxibli , mingħajr l-ebda sudizzjoni lejn l-uffiċjal prosekutur, l-avukat difensur u saħansitra il-Qorti. Illum hu kalm, seren, jitbissem u jkompli konversazzjoni fejn hu konsapevoli mill-żbalji tal-passat u lest jieħu l-ħaqq bit-tama li jibda tassew kapitolu ġdid f'ħajtu."*

Bi gwida u superviżjoni addattata minn uffiċjal tal-Probation, l-esponenti jemmen bis-sħiħ illi jkun jista' jkompli miexi 'l quddiem bi stabbilita' f'ħajtu barra l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin.

Huwa propju għal ċirkostanzi bħalma huma dawk odjerni ir-raġuni wara l-implimentazzjoni tal-Kapitolu 466 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Semgħet lill-partijiet jgħamlu is-sottomissjonijiet tagħhom fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2024.

Ikkunsidrat.

Illi l-aggravju tal-appellant jiċċentra fuq il-kwistjoni li l-ewwel Qorti kient eċċessiva fil-piena li hija imponiet konsiderando li l-appellant irreġistra ammissjoni għar-reati minnu kommessi u in oltre jgħid li meta għamel dawn ir-reati huwa kien maħkum bil-vizzju tad-droga.

Rat l-atti al-kawża u minn eżami tal-istess jirriżulta is-segwenti:-

1. L-appellant tressaq il-Qorti nhar l-1 ta April 2023 akkużat bir-reati mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Prosekuzzjoni inter alia b'reati li uża vjolenza u kellu imġieba ħażina billi inġurja u hedded lil missieru Salvatore Borg raġel anzjan konsiderando li l-appellant għandu 55 sena.
2. Illi dakinahr stess fil-preżenza tal-Avukat tiegħu Dr Sue Mercieca l-appellant irreġistra ammissjoni għar-reati kollha ammessi minnu u dan anke warali ingħata żmien xieraq biex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu u wara li l-ewwel Qorti spjegatlu il-piena li jista jeħel.
3. Id-difiża talbet li jsir pre sentencing report u l-Qorti laqgħet it-talba.
4. Dak in-nhar stess tal-preżentata il-Qorti ħarġet ukoll Treatment Order fil-konfront tal-appellant.
5. Rat l-okkoreża eżebita fl-atti a fol. 9 redatta minn PS 2343 Daniela Healey u minn eżami tal-istess jirriżulta li Salvatore Borg kien irraporta nhar il-31 ta Marzu 2023 li xtaq jagħmel rapport fil-konfront ta' ibnu l-appellant. Dan stqarr li ibnu ilu snin ma jaħdimx u jgħix miegħu u ibati mill-vizzju tad-droga billi jabbuża kemm mil-Eroina kif ukoll mill-Kokaina u li ma kinietx l-ewwel darba li ħa id-droga quddiemu. Dakinhar tat-31 ta Marzu 2023 l-appellant kien qajjem lil missieru biex jitolbu itih 40 euro u peress li jibża minnu taħomlu. Aktar qabel għal ħabta tal-04.00 a.m kien reġa qajmu u talbu 40 euro oħra u ukoll taħomlu għax beża minnu. Għal ħabta tal-10.30 nhar it-30 ta' Marzu 2023 reġa talbu 30 euro oħra u qallu biex b'hekk ma iqajmux matul il-

lejl u taħomlu. Reġa' talbu għal somma oħra u pprova jiqaflu u qallu li ma setax ikun li jibqa itih il-flus hekk u dak il-ħin l-appellant qallu. " *Għandi aptit nivgak bl-imħadda u jċempelli kellu heart attack.*" Missieru beża' minnu u reġa taħ il-flus. Qal li din ma kienitx l-ewwel darba li jghamillu thedida bħal din tant li mhux l-ewwel darba li lanqas ma jorqod għax jibża minnu li ser jgħamillu xi ħaġa matul il-lejl. Xi erbat ijiem qabel reġa' talbu l-flus u qallu "*Nobgħodok, I can't stand you u f'o... qalla ommok u f'o..familtek*" Spjega li dawn l-insulti kienu kważi ta' kuljum. Qal li riċentment kien qed isir aktar aggressiv u jitolbu flus kuljum bejn 80 u 120 euro kuljum . Spjega li kellu anke ibiegħ garage għax il-flus li kellu fil-kont bankarju tiegħu kienu kważi spiċċaw.

6. Rat li sar ukoll risk assessment li jinsab esebit fl-atti a fol 12 et seq u dan l-każ ġie klassifikat bħala każ medju bħala intensita ta' vjolenza domestika fil-konfront ta' bin ma missier.
7. Rat ir-rapport preżentat mill-Appoġġ a fol. 26 mgħamul minn zewġ risk assesors u ċioe minn Karl Saliba u Francesca Cassar fejn dawn ikkonkludew li ġew identifikati is-segwenti riski.
   - Immense fear from Mr Borg
   - Escalation in nature and refquency of abuse
   - Credible threats on life
   - Harassment
   - Coercive control
   - Suicide threats
   - Drug use

L-assessuri ikkunsidraw dan il-każ bħala wieħed ta' riskju kbir minħabba il-fatt li l-kwerelant qed jgħix mal-aggressur tiegħu l-appellant u dan qed ipinġi fuq il-kwalita tal-ħajja ta' l-istess kwerelant. Għalhekk hemm bzonn għal xi protezzjoni legali biex jiġu salvagwardati l-interessi tal-kwerelant.

8. Rat il-fedina penali esebita a fol. 31 u minn eżami ta' l-istess jirriżulta li għandu karriera ta' *convictions* li bdew mis-sena 1988 u ċioe meta kien għad għandu għoxrin

sena. Illi dawn il-*convictions* baqgħu għaddejjin sas-sena 2016 meta kien insab ħati tar-reat ta' serq, sekwestru ta' persuna, ġarr ta' sikkina mingħajr ma kellu liċenzja maħruġa mill-kummissarju tal-pulizija u dan f'żewġ okkażżjonijiet fejn ġie kkundannat piena ta' priġunerija ta' tlett snin u sitt xhur. Ċio nonnostante reġa qiegħed il-Qorti jirreġistra ammissjoni fuq akkużi kommessi fil-konfront ta' missieru.

Rat ix-xhieda tal-**Probation Officer Annabel Bugeja** mogħtija nhar is-26 ta' April, 2023 fejn ikkonfermat li kienet ġiet nominata sabiex tħejji *pre sentencing report* u din stqarret li ma setgħetx taqdi l-inkarigu tagħha minħabba nuqqas ta' ko operazzjoni minn naħa tal-appellant. Tant li meta ġie mistoqsi fuq l-biegħ tal-garage sabiex missieru ikollu iktar flus f'idejh dan tilef il-kontroll tiegħu beda ixejjer b'idejh, beda jgħajjat juża kliem baxx u beda jgħidilha li jkellimha kif irid għax hi mhux pulizija. Staqsietu jekk hux ser jikkalma iżda ma riedx. Staqsietu jekk kellhiex tieqaf mill-intervista u dan qallha iva fost ħafna għajjat u tixjir tal-idejn. Kien għalhekk li ma komplitx bl-inkarigu mogħti lilha. Spjegat ukoll li ġiet infurmata mill-Forensic Unit li waqt li l-apellant kien hemm dan kien jikkreja ħafna problemi meta għall-habta tas-2.00a.m kien jitlob it-te u jgħidulu li ma kienx hin it-te kien jibda jgħajjat u jgħid li n-nurse qiegħda hemm biex tgħamillu it-te.

Rat ir-rapport tagħha preżentat fis-26 ta Mejju 2023 fejn stqarret li minn dak in-nhar li xehdet il-Qorti kien hemm titjib fis-sitwazzjoni fl-appelant. Dan reġa' intbagħat il-ħabs u ma kienx għadu qed jinżamm il-Forensic Unit. Qed jirrispondi tajjeb għal kura li qed jingħata u kien qed ikun aktar kalm In fatti skuża ruħu magħha minħabba l-attitudni tiegħu tal-passat.Beda jingħata treatment psikoloġiku u psikjatriku fih dan l-aġenzija.

Rat illi nhar l-5 ta' Lulju 2023 l-Probation Officer ippreżentat ir-rapport tagħha. Minn eżami ta' dan ir-rapport jirriżulta li l-appellant kien uża vjolenza fil-konfront ta' missieru li għandu 87 sena u dan sabiex jingħatalu l-flus. Qalet li bejn 1988 u 2016 kien instab ħati ta' mill-Qorti fi tmien każijiet għalkemm każijiet oħra apparti din pendenti m'għandux. Spjegat li l-kwerelant kien ilu snin jgħix fil-biża' minħabba l-imġieba ta' ibnu u dan minħabba il-vizzju ta' droga li huwa kellu. Dan wassal għal

piż finanzjajru fuq il-kwerelant li kien ikollu flus ta' kuljum sabiex jixtri d-droga. Dan l-atteġġjament ta' ibnu wassal il-vittma sabiex jitlef kull sens ta' regolarita f'ħajtu u anke fl-irqad. Għalhekk sostna li ma jridx lil ibnu jirritorna jgħix miegħu lura d-dar iżda talab li jingħata il-kura beix jindirizza il-problema tiegħu ta' abbuż ta' droga.

Spjegat li it-trobbija tal-appellant kienet waħda negattiva ferm. Twieled l-Ingilterra u l-ġenituri tiegħu infirdu meta kien għadu zgżir u hu baqa' jgħix ma' missieru flimkien ma ħutu kollha ħlief iż-żgħir. Madankollu misieru bagħat lill-uliedu jirisjedu f'dar al-istat. Dan wassal biex l-appellant ikollu ribelljoni u jadotta aġir erotiku. Għalhekk intbagħat jgħix hawn Malta fejn ukoll kien residenti f'dar ta' l-istat fejn anke ġie abbużat sesswalment fi ħdan din id-dar. Fl-eta' ta' sittax-il sena irrritorna jgħix lura Londra iżda reġa irritorna lura Malta meta għalaq it-tmintax-il sena Eventwalment f'meta kellu dsatax-il sena mar jgħix hemm u irritorna lura Malta fis-sena 2021. Dan beda jabbuża mid-droga meta kien għad kellu tmintax-il sena fis-sena 1988. Dan l-abbuż ta' Eroina u Kokaina waslu biex jgħix il-ħajja kaotika tiegħu u jintensifika fil-ħajja ta' kriminalita. Jidher li fil-fatt kien anke għamel żmien il-ħabs u kellu kuntatt mal-Caritas biss bejn 1996 u 2013. F'April 2023 meta daħal il-ħabs l-appellant kien posittiv għad-droga Eroina u Kokaina iżda kemm ilu l-ħabs it-testijiet tal-awrina tiegħu taw riżultat negattiv għal preżenza tad-droga Fil-preżent l-attitudni tiegħu hija iktar stabli u lluċida.

Ikkonkludiet billi stqarret li l-aġir tal-appellant hu riżultat ta' tehid ta' droga u dan il-vizzju jimpedih milli jżomm ħajja stabbli fis-soċjeta' .L-aspett psikoloġiku huwa ukoll importanti minħabba id-diversi trawmi li għadda minnhom f'ħajtu. Qalet li huwa diffiċli li jgħix ħajja stabbli barra il-konfini tal-ħabs u għandu jindirizza il-problemi tiegħu f'ambjent kontrollat. Tgħid li f'dan il-każ il-piena għandha tkun waħda karċerarja u dan sabiex ikun jista' jingħata t-trattament li tant għandu bzonn speċjalment dak psikoloġiku u psikjatriku filwaqt li tiġi kontrollata l-imġieba tiegħu. Għalhekk ġie rakkomandat li l-appellant jingħata sentenza ta' ħabs effettiva. Tgħid ukoll li s-sentenza għandha teċċedi s-sentejn anke meta titnaqqas iż-żmien li hu għamel taħt arrest preventiv u dan sabiex ikollu l-opportunita' li isegwi l-

programm ta' rihabilitazzjoni fi ħdan l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi f'każ li juri l-motivazzjoni meħtieġa.

Rat ix-xhieda ta' l-**ispettur Sharona Buhagiar** mogħtija nhar is-26 ta' April, 2023 fejn talbet li jinħareġ Ordni ta Protezzjoni lejn il-vittma u dan għaliex minkejja lil-appellant jinsab il-ħabs xorta qed jikkomunika ma' missieru. Spjegat li l-appellant anke beda jhedded lil missieru tramiter terzi u cioe oħtu u jitlobha l-flus u qalha li jekk missieru ma itihx il-flus kien ser jitfgħu seba piedi taħt l-art. Qalet li anke lilha ċempel b'nifs maqtugħ. Qalet li meta marret tkellmu l-ħabs beda jgħajarha '*bitch*' u jgħidilha '*min taħseb li int'*.

Rat id-digriet tal-ewwel Qorti meta innominat lil Dr.Claire Axiaq biex tagħmel eżami psikjatriku fuq l-appellant. Rat ix-xhieda ta' **Dr.Claire Axiaq** mogħtija nhar il-31 ta' Lulju, 2023. Qalet li l-appellant għandu bżonn jiġi segwit mill-aġenzija Support idejalment imur inpatient rehab programme . Qalet li hi ma tħossx li għandu ikun hemm enfasi fuq il-Marujana għaliex meta kien jabbuża minn dik id-droga ma kienx jagħmel reati iżda meta ikun taħt l-effett tal-Kokaina u Eroina jagħmel reati tgħid li l-appellant għandu rabja kbira lejn missieru għax minħabba fih kellu trobbija vera diffiċli għalhekk m'għandux imur lura jgħix ma missieru. Għandu jiġi segwit mill-Community Mental Health Team jiggifieri li jkollu psycologist, psychiatrist u social worker biex jgħinuh. Qal li anke oħtu għandha problemi kbar ta' abbuż u fil-present tinsab residenti l-isptar Monte Carmeli pero għamlet żmien tgħix miegħu għand missierhom.

Dawn huma l-provi li kellha l-ewwel Qorti sabiex waslet biex tat l-piena li errogat.

**Ikkunsidrat ultejorment;**

Jingħad l-ewwel nett illi s-sentenza appellata ngħatat wara ammissjoni inkondizzjonata ta' l-appellant fl-ewwel seduta li fiha deher quddiem l-ewwel Qorti, ammissjoni li ppersista fiha anke wara li dik il-Qorti tatu żmien xieraq biex jikkunsidra tali ammissjoni. Bħalma qalet din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Jonathan Attard** mogħtija fis-26 ta' Mejju 2021:

*"Issa fit-termini tal-ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuz appell minn piena sakemm din tkun tirrentra fil-limiti li tipprefiġġi l-ligi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun qiegħed jassumi r-responsabilita` tad-deċiżjoni li jkun ha u jirrimetti ruħu għal kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati oħra ta' appell ma jidħlux f'eżami akkurat taċ-ċirkostanzi kollha biex jaraw jekk il-piena nflitta kenitx eċċessiva jew le. Mhuwiex normali pero`, li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat."*

Huwa għalhekk li f'dawn il-proċeduri t'appell mill-piena, dil-Qorti, in kwantu Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati trid tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għal dik il-piena billi tistħarreġ jekk il-piena inflitta minnha kienetx taqa' fil-parametri imsemmija fil-Liġi, jekk kienetx żbaljata fil-prinċipju jew kienetx manifestament eċċessiva.

Kif ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005 :

*It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra): "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions*

*appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added).*

*Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."2 This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.*

*i*Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb</u>**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma

pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi gudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli :

a. għall-offiża in kwistjoni u

b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati

u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-sentenza **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et</u>** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti :

> *Fil-verita`, dawn il-prinċipji huma rifless tal-prinċipju l-ieħor li meta jkun hemm sentenza li tiġi appellata mill-ħati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bħala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel Qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel Qorti tkun naqset milli tagħti importanza lil xi aspett partikolari tal-każ (u anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti) li kien jinċidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diġa` ngħad, "sentencing is an art rather than a science" u wieħed ma jistax jippretendi xi preċiżjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' każ ma' ieħor jew tal-piena erogata f'każ ma' dik erogata f'każ ieħor.*

Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vittmi, l-

interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċiżżju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza **Butler** tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel Qorti.

Issa f'dan il-każ jirriżulta li l-appellant għamel karriera jabbuża mid-droga u ma għamel xejn sabiex jindirizza vizzju misħut bħal dan. Huwa biss issa li jinsab fil-konfini tal-ħabs li qed iżomm il-bogħod mit-tehid tad-droga. Din il-Qorti eżaminat bir-reqqa il-provi prodotti u dan għaliex ridet tassigura li l-piena mogħtija kienet waħda safe and satisfactory. Tant hu hekk li qrat ix-xhieda kollha inkluż dawk tal-esperti biex tara jekk għandux ikun hemm tibdil fl-piena. Pero minn eżami ta l-istess jirriżulta li anke l-esperti u cioe l-Probabtion Offficer u l-Psikjatra huma tal-fehma li l-appellant għandu bżonn gwida f'ħajtu u sabiex ħajtu tiġi strutturata qabel ma jerġa jiġi mibgħut fil-komunita. Jirriżulta bla tlaqliq li l-appellant jobgħod il-missieru, li ohtu hija ukoll drug addict u li għalhekk il-familja ma tantx tista tgħinu jirranġa l-aspett psikologiku ta' ħajtu. Hemm bżonn li jibqa miżmum il-ħabs sabiex jingħata id-direzzjoni speċjalista sabiex jindirizza l-problemi mentali tiegħu sabiex jiranġa l-imġieba tiegħu u jeħles mill-vizzju ta' droga.

Għalhekk f'dawn iċ-ċirkotanzi il-Qorti tħoss li l-piena mogħtija mill-ewwel Qorti kienet waħda ġusta u timmerita li tiġi konfermata u għalhekk l-appell tiegħu qed jiġi miċħud u is-sentenza tal-ewwel Qorti qed tiġi konfemta bl-intier tagħha. Inkluż li jkompli isegwi l-programm ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-kap 9 tal-liġijiet ta' Malta fejn għandu jingħata kura priskoloġika u psikjatarika kif rakkomandat mill-Uffiċjal tal-Probabtion.

Tikkonferma ukoll l-Ordni tal-ħruġ tat Trażżin fil-konfront tal-kwerelant Salvatore Borg għal żmien tlett snin mill-illum.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Imhallef